A.L. 309 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Policing - taħt il-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Policing taħt il-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Policing; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għad-Diploma in Policing.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2006 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-istudenti għandhom ikunu nominati mill-Kummissarju tal-Pulizija u jistgħu jkunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors skond il-provvedimenti tar-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università jekk huma jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) jkollhom ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università; jew

(b) huma membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u jokkupaw il-kariga ta' Surġent jew kariga ogħla u li huma kapaċi juru lill-Bord li għandhom il- kapaċità akkademika biex isegwu l-Kors bi profitt.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq tnax-il xhar ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 75 kredtu, li minnhom 60 kredtu huma assenjati għal oqsma ta' studju direttament relatati max-xogħol tal-pulizija u għall-studji li jwieżnu x-xogħol tal-pulizija u 15-il kredtu għal programm prattiku u teoretiku matul is-sessjoni tas-sajf.

Il-Programm ta' l-Studju

6. (1) Il-Bord ta' l-Istudji għandu jħejji l-programm ta' l-studju għall-Kors li għandu jindika liema taqsimiet studju għandhom jittieħdu f'kull semestru u liema taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu flimkien jew qabel taqsimiet studju oħra. Il-Bord ta' l-Istudji għandu jippubblika l-programm ta' l-studju għall-Kors qabel ma jibda, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(2) Il-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, l-għadd ta' kredti ECTS assenjati għal kull taqsima studju, il-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni, u l-isem tal-lettur li jgħallem it-taqsima studju għandhom ikunu ppubblikati f'katalgu ta' taqsimiet studju, li għandu jkun ippubblikat mill-Bord ta' l-Istudji, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(3) Suġġett għal tibdiliet li l-Bord ta' l-Istudji jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, ikun kostrett jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti assenjati kif indikat fil-programm ta' studju.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-taqsimiet studju kollha (inklużi t-

taqsimiet studju prattiċi) tal-Kors, li jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati għalihom.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.